MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2005

Citazzjoni Numru. 1026/2001/1

**Michael u Karen konjuġi ŻERAFA**

**vs**

**ANGCAR COMPANY LIMITED u Michael u Marlene konjuġi Axisa**

## Il-Qorti:

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fis-6 ta’ Ġunju, 2001, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija l-atturi talbu li l-imħarrkin, flimkien u solidalment bejniethom, jiggarantixxu lill-atturi l-pussess paċifiku tal-ġid miksub mingħand l-istess kumpannija mħarrka, jew, fin-nuqqas li jagħmlu dan, li jersqu għat-tħassir tal-kuntratt ta’ xiri u bejgħ li bih l-atturi kisbu l-imsemmi ġid, u kif ukoll li l-imħarrkin jiġu kundannati jħallsu d-danni lill-atturi;

Illi b’Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa fl-14 ta’ Novembru, 2001, il-kumpannija mħarrka laqgħet billi, b’mod

preliminari, qalet li l-azzjoni attriċi ma tiswiex għaliex (a) it-tieni u t-tielet talbiet tal-atturi m'humiex ċari; (b) l-azzjoni saret qabel waqtha, billi l-atturi ma tkeċċewx mill-post tagħhom; (ċ) saru aktar minn azzjoni waħda f'Ċitazzjoni waħda; u (d) il-ġudizzju mhux sħiħ, billi ma tħarrikx kull min messu ġie mħarrek. Laqgħet ukoll b'eċċezzjonijiet fil-mertu, fosthom dik li hija kienet kisbet bil-bona fidi dak li għaddiet lill-atturi, u li kieku wkoll joħroġ li l-art kienet tal-Gvern, il-bini li ttella' fuqha għaddha għandha b'jedd ta' aċċessjoni. Tgħid ukoll li f'każ li jintlaqgħu t-talbiet attriċi għat-tħassir tal-kuntratt, ma jistgħux jintalbu wkoll id-danni;

Illi, min-naħa tagħhom, b'Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa fl-14 ta' Frar, 2002, l-imħarrkin miżżewġin Axisa laqgħu billi qalu li l-atturi m'għandhomx interess ġuridiku li jressqu l-azzjoni għaliex il-kuntratt li bih huma kisbu l-ġid għadu fis-seħħ. Laqgħu wkoll billi qalu li t-talbiet attriċi saru għalxejn u huma żejda u li ma ġew kawżati l-ebda danni lill-atturi li għandhom jagħmlu tajjeb għalihom l-istess imħarrkin;

Illi, minħabba n-natura tagħhom li jolqtu l-interess attiv tal-atturi, din is-sentenza qegħda tingħata dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-kumpannija mħarrka u l-ewwel eċċezzjoni tal-imħarrkin Axisa, jiġifieri dik dwar is-siwi tal-azzjoni attriċi u dik dwar in-nuqqas ta' interess ġuridiku tagħhom biex iressqu din l-azzjoni;

Semgħet it-trattazzjoni magħmula mill-avukat tal-kumpanniija mħarrka dwar l-imsemmija eċċezzjoni preliminari tan-nullita' waqt is-smigħ tal-1 ta' Lulju, 2004[1];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrkin miżżewġin Axisa fit-3 ta' Settembru, 2004[2], dwar l-eċċezzjoni preliminari tagħhom tan-nuqqas ta' interess ġuridiku fl-atturi;

---

[1] Paġġ. 55 sa 60 tal-proċess
[2] Paġġ. 62 sa 73 tal-proċess

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-atturi fis-7 ta' Settembru, 2004[3], bi tweġiba għas-sottomissjonijiet magħmula mill-imħarrkin dwar l-imsemmija eċċezzjonijiet tagħhom;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet it-trattazzjoni ulterjuri tal-avukati tal-partijiet;

Rat in-nota mressqa mill-imħarrkin miżżewġin Axisa fl-10 ta' Novembru, 2004[4], b'kopja ta' kuntratt mehmuż magħha;

Rat in-Nota ta' kjarifika u ta' osservazzjonijiet imressqa mill-atturi fis-17 ta' Mejju, 2005[5];

Rat id-degrieti tagħha tas-17 ta' Mejju, 2005, u tas-27 ta' Ottubru, 2005, li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza dwar l-imsemmija żewġ eċċezzjonijiet preliminari;

***Ikkunsidrat:***

Illi l-kawża nfetħet wara li l-atturi – li kienu kisbu b'xiri mingħand il-kumpannija mħarrka meżżanin fi Triq Buqexrem, Fgura – irċevew ittra mingħand id-Dipartiment tal-Artijiet f'Marzu tal-2000[6] li biha ntalbu joħorġu minnufih mill-imsemmi ġid u li jwaqqgħu l-bini wara li d-Dipartiment irriżultalu li l-post kien mibni fuq art li jgħid li hija tal-Gvern. Il-kuntratt li bih l-atturi kisbu l-meżżanin kien sar f'Ottubru tal-1992[7]. Fuq il-kuntratt, il-kumpannija mħarrka kienet iggarantiet il-paċifiku pussess. L-ittra kienet intbagħtet kemm lill-atturi u kif ukoll lil kumpannija oħra – Lay Lay Company Limited – li irribattiet il-pretensjoni tad-Dipartiment b'ittra mibgħuta mill-avukat tagħha fit-12 t'April, 2000[8]. L-imsemmija kumpannija m'hijiex parti f'din il-kawża, imma hemm rabta bejnha u Michael Axisa,

[3] Paġġ. 75 -9 tal-proċess
[4] Dok "JMB", f'paġġ. 83-6 tal-proċess
[5] Paġġ. 90-3 tal-proċess
[6] Dok "E", f'paġ. 22 tal-proċess
[7] Dok "A", f'paġġ. 6 sa 10 tal-proċess
[8] Dok "MA2", f'paġ. 47 tal-proċess

imħarrek f'din il-kawża. Id-Dipartiment, sal-lum, ma ressaq l-ebda azzjoni ġudizzjarja kontra l-atturi dwar l-imsemmi ġid;

Illi f'din il-kawża, l-atturi qegħdin jitolbu essenzjalment tliet ħwejjeġ: (a) li l-imħarrkin jiggarantulhom it-tgawdija paċifika tal-ġid miksub minnhom; (b) fin-nuqqas, li l-kuntratt li bih kisbu l-imsemmi ġid jitħassar, u (ċ) li l-imħarrkin iħallsu d-danni minħabba t-tħassir tal-kuntratt;

Illi l-imsemmija fatti ssemmew għaliex minnhom wieħed ikun jista' jaqbad tarf tal-eċċezzjonijiet taħt eżami;

Illi dwar l-eċċezzjoni li l-azzjoni attriċi ma tiswiex jibda biex jingħad li l-kumpannija mħarrka tibni din l-eċċezzjoni fuq erba' argumenti. Dawn huma li t-talbiet m'humiex ċari, li l-azzjoni saret qabel waqtha, li l-azzjoni hija, fis-sewwa, aktar minn azzjoni waħda, u li l-ġudizzju mhux sħiħ;

Illi biex tasal li tqis dawn l-argumenti, il-Qorti jidhrilha li, qabel xejn, hu xieraq li jingħad li għandha ssir distinzjoni bejn in-nullita' ritwali ta' att ġudizzjarju u l-infondatezza fil-mertu tat-talbiet infushom. Il-Qorti tifhem li fil-każ ta' eċċezzjoni ta' nullita' tal-att (bħalma għandha quddiemha f'dan il-każ), hija trid tfittex u tqis biss dwar dik in-nullita' li tkun imputabbli għal difett ta' forma aktar minn wieħed ta' sustanza (fis-sens ta' żball jew nuqqas sostantiv)[9] liema difett ma jkunx jista' jiġi tollerat mingħajr ħsara għal xi prinċipju ta' ġustizzja proċedurali[10];

Illi ma' dan il-Qorti żżid tgħid ukoll li għandha ssir distinzjoni oħra dwar in-nullita' ta' att, u jiġifieri dik li tagħraf bejn nullita' assoluta u dik relattiva. F'tal-ewwel, il-Qorti għandha dmir li tiġbed l-attenzjoni tal-partijiet u tieħu provvediment ukoll *ex ufficio*, imma mhux hekk il-każ f'tat-tieni[11]. Minbarra dan, biex ċitazzjoni tiġi dikjarata nulla u jitwaqqaf il-kors tagħha, "*jeħtieġ li jkunu jikkonkorru*

---

[9] App. Kumm. **30.6.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Micallef vs Krogh Jacobsen*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.ii.172**)

[10] Ara App. Ċiv. **21.5.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Ellul vs Gera de Petri et*** (Kollez. Vol: **LXXIX.ii.434**) u s-sentenzi hemm imsemmija

[11] Ara P.A. SM **1.10.1910** fil-kawża fl-ismijiet ***Ludovico Magro vs Pio Żammit*** (mhix pubblikata), li fiha espożizzjoni ċara w tajba tal-effetti tan-nullita' ta' att ġudizzjarju

*raġunijiet gravi, fosthom nuqqasijiet ta' evidenti preġudizzju għad-difiża tal-konvenut; u huwa risaput li l-leġislazzjoni u l-ġurisprudenza patrja ilhom progressivament jirrifuġġu mill-formliżmu eċċessiv, fonti ta' litiġji żejda u prokrastinazzjonijiet inutili, purke' ovvjament ma tirriżultax l-effettiva vjolazzjoni tal-liġi*"[12];

Illi l-liġi tippreskrivi, fost l-oħrajn, li ċ-Ċitazzjoni għandu jkun fiha tifsir ċar u sewwa tal-oġġett u r-raġuni tat-talba. Dan ifisser ukoll li l-premessi għat-talbiet għandhom iwasslu lil min qiegħed jaqra l-att biex jara rabta bejn dawk il-premessi u t-talbiet. Marbut ma' dan ir-rekwiżit, hemm il-prinċipju li l-parti mħarrka trid tingħata l-fakolta' li tkun tista' tiddefendi kif jixraq lilha nnifisha mill-pretensjoni ta' min iħarrikha[13];

Illi huwa sewwasew dwar din id-dispożizzjoni li wieħed isib għadd ta' deċiżjonijiet tal-Qrati tagħna li jfissru l-limiti tagħha fid-dawl tal-eċċezzjoni tan-nullita' tal-Att taċ-Ċitazzjoni minħabba n-nuqqas ta' ħarsien tal-liġi. Ħafna minn dawn id-deċiżjonijiet ingħataw minħabba li jkun ġie allegat li t-talba kienet inċerta, x'aktarx sintesi ta' jeddijiet li kull wieħed minnhom jagħti lok għal azzjoni distinta u separata. Għal xi zmien, il-forma tal-att ġudizzjarju kienet issaltan, imma, biż-żmien u b'interventi tal-leġislatur, issawret it-tejorija magħrufa bħala tal-ekwipollenti li nisslet il-prinċipju li m'hijiex meħtieġa ebda għamla espressa għall-proposizzjoni tal-azzjoni[14];

Illi, għalhekk, ċitazzjoni m'għandhiex tiġi mwaqqgħa għajr għal raġunijiet gravi[15]. Madankollu, jekk in-nuqqas ta' kjarezza jkun ta' għamla u kwalita' tali li jċaħħad b'mod serju lill-imħarrek mid-difiża tiegħu, iċ-ċitazzjoni għandha tiġi mwaqqgħa[16];

---

[12] App. Kumm. **15.4.1977** fil-kawża fl-ismijiet ***John Ma llia vs Maria Assunta Borġ et*** (mhix pubblikata)
[13] Ara, per eżempju, P.A. **5.6.1959** fil-kawża fl-ismijiet ***Sciortino et vs Micallef*** (Kollez. Vol: **XLIII.ii.748)**
[14] P.A.: **9.3.1965** fil-kawża fl-ismijiet ***M. Muscat noe vs Dr. J. Cassar et noe.*** (Kollez. Vol: **XLIX.ii.809**) u s-sentenzi hemm imsemmija;
[15] App. Ċiv.: **20.2.1935** fil-kawża fl-ismijiet ***R. Merola pro et vvs S. Caruso*** (Kollez. Vol: **XXIX..i.106**);
[16] App. Ċiv.: **22.5.1967** fil-kawża fl-ismijiet ***E. Scicluna vs M. Xuereb et*** (Kollez. Vol: **LI.i.299**); u Kumm. **19.6.1989** fil-kawża fl-ismijiet ***Frendo noe vs Attard noe*** (Kollez. Vol: **LXXIII.iv.971**) u s-sentenzi hemm imsemmija

Illi dwar l-element ta' kjarezza fl-Att taċ-Ċitazzjoni, l-liġi ma tinsistix fuq formola preċiża jew kliem partikolari, u sakemm it-talba tkun tista' tinftiehem, ma jimpurtax jekk il-kawżali tkunx imfissra b'mod xott jew saħansitra mifhuma jew implikata mit-talba nnifisha[17];

Illi ngħad ukoll li fejn ma jkunx hemm kontradizzjoni għall-aħħar bejn il-premessi u t-talbiet jew bejn it-talbiet innifishom, il-Qrati għandhom iqisu b'ċirkospezzjoni eċċezzjoni ta' nullita' ta' att ġudizzjarju. Biex att ta' Ċitazzjoni jgħaddi mill-prova tal-validita' huwa biżżejjed li t-talba tkun imfassla b'mod tali li l-persuna mħarrka tifhem l-intenzjoni ta' min ħarrikha[18] u li tali tifsila ma tkunx ta' ħsara għall-imħarrek li jiddefendi lilu nnifsu mit-talba tal-attur[19];

Illi fis-sentenza li għaliha għadha kemm saret riferenza ftit iżjed 'il fuq[20], il-Qorti qalet li "*hu neċessarju illi jkun jirriżulta rapport ta' konnessjoni raġonevolment identifikabbli bejn il-premessi miġjubin bħala l-kawża tat-talba u t-talba stess kif diretta kontra l-konvenut*";

Illi huwa wkoll miżmum bħala prinċipju ġenerali li n-natura u l-indoli tal-azzjoni għandhom jiġu misluta mit-termini tal-att li bih ikunu nbdew il-proċeduri [21]. Normalment, b'dan wieħed jifhem li dak li kellu f'moħħu min ikun fetaħ il-kawża jkun irid jirriżulta mill-att taċ-Ċitazzjoni innifsu u mhux minn provi li jitressqu iżjed 'il quddiem fil-kawża[22], u għalkemm id-dikjarazzjoni maħlufa hija meħtieġa *ad validitatem* biex iċ-Ċitazzjoni tkun tiswa, dak li jingħad fl-istess dikjarazzjoni ma jiswa qatt biex jirrimedja dak li jista' jkun nuqqas fl-Att taċ-Ċitazzjoni[23], għalkemm jista' jitfa' dawl fuq il-kawżali u jiċċaraha[24]. B'dan il-mod, jekk id-difett fit-tfassila tal-att li bih tkun inbdiet il-kawża ma jġibx

[17] P.A. **15.12.1955** fil-kawża fl-ismijiet ***Moore noe vs Falzon et.*** (Kollez. Vol: **XXXIX.ii.807**)
[18] P.A. : **14.2.1967** fil-kawża fl-ismijiet ***J.G. Coleiro vs Dr. J. Ellul*** (Kollez. Vol: **LI.ii.779**);
[19] App. Kumm. **20.1.1986** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Bonniċi vs Eucharistico Żammit noe et***
[20] Ara nota 14
[21] App. Ċiv.: **7.3.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***J. Tabone vs J. DeFlavia*** (Kollez. Vol: **XLII.i.87**)
[22] App. Ċiv. **30.3.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Raymond Beżżina vs Anthony Galea***
[23] Ara P.A. **6.3.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***Żahra vs Żahra et*** (Kollez. Vol: **XLII.ii.948**)
[24] App. Ċiv. **23.4.1945** fil-kawża fl-ismijiet ***Savona noe vs Asphar*** (Kollez. Vol: **XXXII.i.228**); u P.A. **6.6.1957** fil-kawża fl-ismijiet ***Demarco vs Fiteni*** (Kollez. Vol: **XLI.ii.1035**)

preġudizzju serju lill-parti mħarrka, allura l-proċedura tkun tista' tiġi salvata basta dan ma jaffettwax is-sustanza tal-azzjoni jew tal-eċċezzjonijiet[25];

Illi, jekk wieħed iqis il-kawża preżenti u jkejjilha mal-osservazzjonijiet li għadhom kemm saru isib li dak li qegħdin jippremettu l-atturi ma jħalli l-ebda dubju x'inhuma jippretendu li sar u xi jridu li jinkseb bl-azzjoni tagħhom. Fuq dan, l-imħarrkin infushom, fin-Nota tal-eċċezzjonijiet tagħhom, juru wkoll li fehemu x'qiegħed jingħad u x'għamla ta' kontestazzjoni qegħdin iressqu għal dawk il-pretensjonijiet tal-atturi u dan b'difiża fil-mertu;

Illi fil-każ preżenti, l-imħarrkin isemmu n-nullita' tal-att fuq il-bażi li l-atturi kellhom jagħżlu bejn talba u oħra tal-allegazzjoni tagħhom u bejn rimedju mitlub u ieħor u mhux jorbtuhom flimkien u jitolbuhom it-tnejn. Hawnhekk tinħoloq qagħda li hija l-oppost ta' meta tiġi eċċepita n-nullita' ta' Ċitazzjoni minħabba n-nuqqas ta' talba meqjusa bħala meħtieġa. Skond l-argument tal-imħarrkin, għalhekk, l-azzjoni attriċi hija milquta b'kontradittorjeta' minnha nnifisha li tagħmilha insanabbli;

Illi hawnhekk ta' min jgħid ukoll li l-Qrati tagħna kellhom f'għadd ta' każi mressqa quddiemhom it-taqbida li jqisu eċċezzjoni ta' nullita' tal-att taċ-Ċitazzjoni fuq il-bażi tal-kontradittorjeta' tal-kawżali u t-talbiet infushom, u ġieli laqgħuha wkoll. L-istess jingħad għal każijiet fejn kawża waħda kienet fis-sewwa żewġ azzjonijiet f'daqqa li l-waħda teskludi lill-oħra[26]. Kien hemm sentenzi oħrajn li fissru l-limiti safejn għandha tmur il-Qorti biex tqis att ta' Ċitazzjoni bħala wieħed siewi, għalkemm ikun fih xi nuqqasijiet[27]. Din l-eċċezzjoni tqieset fid-dawl tal-artikolu 156(1) tal-Kapitolu 12, li jitkellem dwar il-ħtieġa li ċ-Ċitazzjoni jkun fiha <u>tifsir ċar u sewwa tal-oġġett u r-raġuni</u> tat-talba;

---

[25] P.A. : **24.6.1961** fil-kawża fl-ismijiet ***Falzon vs Spiteri et*** (Kollez. Vol: **XLVIII.ii**)

[26] Ara, per eżempju, Kumm. **9.1.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Aquilina et vs Ruġġier noe*** (Kollez. Vol: **LXXIX.iv.1334**) li għaliha u fuqha l-imħarrkin qegħdin isejsu s-siwi tal-eċċezzjoni tagħhom f'din il-kawża

[27] Ara, per eżempju, App. Ċiv. **6.3.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Żammit et vs Żammit Tabona noe et*** (Kollez. Vol: **LXXX.i.454**)

Illi waqt it-trattazzjoni tagħhom dwar l-eċċezzjoni taħt eżami, l-għaref difensur tal-kumpannija mħarrka seħaq li l-ewwel żewġ talbiet attriċi jikkozzaw mal-bqija tat-talbiet, fis-sens li jekk jintlaqgħu l-ewwel żewġ talbiet u jiġu eżegwiti, ma jagħmilx sens li wieħed jitlob ukoll il-bqija. Il-Qorti ma tistax taqbel li dan l-argument ifisser in-nullita' tal-azzjoni. Mingħajr ma tidħol fil-mertu tal-kontenut tagħhom, hija tqis li t-talbiet huma msensla ma' xulxin u t-talbiet dwar ir-rexissjoni u l-ħlas tad-danni jsegwu u huma konsekwenzjali għall-eżitu tal-ewwel tnejn;

Illi f'dan il-każ joħroġ ċar, għalhekk, li l-ilment tal-imħarrkin ma jaqax fil-parametri ta' nuqqas proċedurali, imma wieħed sostantiv. Dan jingħad għaliex il-kontestazzjoni dwar il-kontradittorjeta' tat-talbiet ma tintrabatx mas-sura tal-att ġudizzjarju. Il-qofol tad-diffikulta' li l-imħarrkin il-ħin kollu jirreferu għaliha hu marbut essenzjalment mal-impossibilita' li ż-żewġ talbiet prospettati mill-atturi jżommu flimkien, għaliex dawn, skond huma, jeliminaw il-waħda lill-oħra. Dan huwa kontestat mill-atturi li jgħidu li ż-żewġ rimedji jistgħu jintalbu flimkien. Min-naħa tagħhom, l-imħarrkin jorbtu l-eċċezzjoni tagħhom ma' dak li jopprovdi l-artikolu 789(1)(d) tal-Kap 12;

Illi, kif ingħad f'għadd ta' deċiżjonijiet tal-Qrati tagħna, id-distinzjoni bejn nullita' mtellgħa taħt il-paragrafu (ċ) u dik taħt il-paragrafu (d) tas-sub-artikolu (1) tal-artikolu 789, tikkonsisti fil-fatt li, f'tat-tieni, l-att ġudizzjarju jkun milqut minn nuqqas ta' partikolarita' essenzjali meħtieġa mil-liġi, u mhux "sempliċi" ksur tal-forma preskritta[28];

Illi, f'waħda mis-sentenzi li qieset kwestjoni bħal din taħt eżami jingħad hekk: "*. . . ma hemmx kwestjoni li dottrinarjament huwa importanti li jiġu, għall-finijiet ta' l-oġġett tat-talba u tad-dritt li jiddeterminaha, eżaminati attentament il-fattijiet li jkunu taw lok għall-ġudizzju, u dawn il-fattijiet ma jistgħux ma jkunux a konjizzjoni tal-kontendenti; jekk minn dawn il-fattijiet jitnissel aktar minn dritt wieħed sabiex id-domanda tkun imressqa 'l quddiem f'ġudizzju, ma hemm xejn fil-liġi li l-attur li jippromwoviha*

[28] Ara, per eżempju, P.A. C.S.:**4.11.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Galea vs Pawlu Cuschieri*** (mhix pubblikata)

*ma jkunx jista' jiddeduċihom jekk jittendi li huma ntiżi għall-otteniment ta' l-oġġett propost, salv li l-istess ma humiex inkonċiljabbli. Dina r-redazzjoni ta' l-att taċ-ċitazzjoni ma tirrendix dak l-istess att għall-kawżalijiet tiegħu mhux ċar, iżda se mai turi in forza ta' liema drittijiet ("jus petendi") l-attur ikun qiegħed jippromwovi l-azzjoni. Apparti dana, ebda preġudizzju ma jitnissel lill-konvenut minn dana l-aġir ġuridiku, ilgħaliex huwa jkun jista' jirripudja l-azzjoni attriċi għad-drittijiet kollha radikati fl-att promotorju tal-kawża. . . "*[29];

Illi, fil-fehma tal-Qorti, dan jgħodd sewwa għall-kawża li għandha quddiemha llum. Huwa minnu li l-bixra li tista' tieħu l-kawża kif imfassla l-azzjoni attriċi sejra toħloq diffikulta' mhux traskurabbli dwar liema provi sejrin jinġabru - jekk hux dawk li jirradikaw it-talba għall-eżekuzzjoni tal-għoti tal-garanzija, jew jekk hux dawk li jittrattaw dwar it-tħassir tal-kuntratt u l-likwidazzjoni tad-danni pretiżi. Iżda dan ma jfissirx li l-azzjoni, kif imfassla, hija nulla minn għeruqha. Fuq kollox, din il-Qorti temmen bis-sħiħ li, fi kwestjonijiet ta' siwi ta' atti ġudizzjarji, għandha tapplika l-massima *ut melius valeat quam pereat*;

Illi għar-rigward tal-eċċezzjoni li l-azzjoni tressqet qabel waqtha, bilkemm għandu għalfejn jingħad li din bl-ebda mod ma tista' titqies raġuni ta' nullita'. Setgħet saret fl-għamla ta' eċċezzjoni għaliha, iżda ma tistax titqiegħed taħt il-kappa ta'h eċċezzjoni li tattakka s-siwi ta' att ġudizzjarju. Att ġudizzjarju li jitressaq qabel waqtu ma jfissirx li huwa att li ma jiswiex. Dan jingħad l-aktar jekk, bħalma jiġri f'xi każijiet, il-jedd isir attwali bis-saħħa tal-*jus superveniens*;

Illi dwar l-eċċezzjoni li l-ġudizzju mhux sħiħ, jingħad ukoll li eċċezzjoni ta' din l-għamla ma twassalx biex l-att ġudizzjarju jitqies null. L-aktar li ġġib magħha eċċezzjoni bħal din – jekk tintlaqa' – hija li l-parti mħarrka tinħeles milli tibqa' fil-kawża. Ġudizzju li mhux sħiħ fil-bidu jista', bil-bidliet li jistgħu jsiru kif hemm maħsub fil-liġi

[29] App. Ċiv. **14.11.1949** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ noe vs Vincenti*** (Kollez.Vol: **XXXIII.i.535,** a fol. 538)

proċedurali tal-lum, jiġi sanat jew bis-sejħa fil-kawża jew bl-intervent volontarju. Fl-ebda wieħed minn dawn iż-żewġ ċirkostanzi ma jkun hemm nullita';

Illi, għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti ssib li l-eċċezzjoni tal-kumpannija mħarrka dwar is-siwi tal-azzjoni attriċi ma tistax tintlaqa';

Illi dwar l-eċċezzjoni li jonqos fl-atturi l-interess ġuridiku li jressqu 'l quddiem il-kawża għandu jingħad li l-imħarrkin miżżewġin Axisa jsejsuha fuq il-fatt li, sallum, ma saret l-ebda proċedura fil-Qorti li biha l-atturi qegħdin jintalbu joħorġu 'l barra mill-post minnhom miksub;

Illi fis-sottomissjonijiet studjati u mirquma tagħhom, l-istess imħarrkin jgħidu li huma ma għamlu l-ebda talba lill-atturi biex iħallu l-post li dawn kienu kisbu mingħand il-kumpannija mħarrka, u għalhekk bl-ebda mod ma jista' jingħad li nkisrulhom xi jeddijiet ta' tgawdija fuq l-istess fond. Talba ġudizzjarja bħal din ma saritx lanqas minn ħaddieħor, u għalhekk, jonqos l-element ta' konflitt ta' jeddijiet li jikkaratterizża l-bażi ta' kull litigazzjoni. La m'hemmx kwestjoni bejnhom u l-atturi, allura ma hemmx interess fl-atturi li jħarrkuhom;

Illi l-Qorti ma ssib l-ebda diffikulta' biex tqis l-azzjoni li għandha quddiemha bħala waħda dikjaratorja. Sallum, l-atturi ma tneħħewx mill-post miksub minnhom u lanqas jidher li jridu jitilquh. L-azzjoni nfisha hija mibnija fuq in-nuqqas tal-imħarrkin li jiggarantixxu lill-atturi t-tgawdija fil-kwiet ta' ħwejjiġhom. L-atturi jqisu li l-imħarrkin naqsu lejhom meta m'għamlu xejn biex jiggarantulhom din it-tgawdija, minkejja li kienu bagħtulhom protest ġudizzjarju f'dan is-sens;

Illi fi kwestjoni bħal din, l-interess ġuridiku irid ikun wieħed dirett, leġittimu u kif ukoll attwali[30], u jrid joħroġ minn stat attwali ta' ksur ta' jedd, liema ksur ikun jikkonsisti f'kundizzjoni pożittiva jew negattiva li xxejjen jew tipprova

[30] Ara P.A. **20.1.1950** fil-kawża fl-ismijiet ***Watson vs Sacco*** (Kollez. Vol: **XXXIV.ii.453**);

ġġib fix-xejn dritt li jappartieni lid-detentur jew li lilu jkun mistħoqq[31];

Illi meta wieħed jitkellem dwar azzjoni dikjaratorja, tqum minnufih il-kwestjoni tal-interess li wieħed iressaqha. Huwa stabilit[32] li m'humiex amissibbli azzjonijiet merament dikjaratorji, meta r-rimedju li għalih jistgħu jkunu preordinati mhux biss m'huwiex mitlub, imma lanqas jista' jintalab mill-Qorti. Dan il-prinċipju jintrabat mal-ħtieġa li min jiftaħ kawża jrid juri li għandu interess li m'huwiex biss wieħed ġuridiku, imma wkoll wieħed attwali u dirett. Minbarra dan, azzjoni dikjaratorja ssib is-sens tagħha biss jekk tkun pre-ordinata għal kawża oħra li tiddependi sewwasew mis-sentenza dikjaratorja[33];

Illi l-interess ġuridiku f'attur huwa dak li l-imħarrek jirrifjuta li jagħraf il-jedd tal-istess attur u li, fih innifsu, joħloq il-ħtieġa tal-vertenza. Għalhekk, dan iġib miegħu l-konsegwenza li l-ewwel u l-aqwa interess ġuridikament ammissibbli huwa dak li kull persuna għandha, jiġifieri li titlob li, fil-konfront tagħha, isir ħaqq jew li tiġi msewwija inġustizzja magħmula bi ħsara għaliha[34];

Illi biex tali interess ikun tutelat minn karattru ġuridiku, irid ikun iwassal għal riżultat ta' utilita' u vantaġġ għal min irid jeżerċita l-jedd[35], b'mod li jekk l-azzjoni ma tistax twassal biex tipproduċi tali riżultat għal min jibdiha, dik l-azzjoni ma tistax treġi[36]. Kien minħabba dan il-prinċipju li għadd ta' sentenzi ċaħdu l-jedd tal-azzjoni lil min ried jikseb b'sentenza biss dikjarazzjoni mingħajr oġġett materjali[37];

Illi, minbarra dan, u dejjem għal dak li jirrigwarda l-aspett tal-attwalita' tal-interess f'attur, irid jintwera li dak l-interess jibqa' jseħħ matul il-ħajja kollha tal-azzjoni, u mhux biss fil-bidu tagħha, għaliex jekk dan l-interess jintemm fix-xejn,

---

[31] Ara P.A. **27.3.1990** fil-kawża fl-ismijiet ***Muscat et vs Buttiġieġ*** (Kollez. Vol: **LXXIV.iii.481**)
[32] Ara App. Ċiv. **3.3.1967** fil-kawża fl-ismijiet ***Giuffrida pro et noe vs Borġ Olivier et*** (Kollez. Vol: **LI.i.130, a fol. 170**)
[33] Ara, App. Ċiv. **4.12.1944** fil-kawża fl-ismijiet ***Xuereb vs Petrococchino noe et*** (Kollez. Vol: **XXXII.i.540**)
[34] App. Kumm. **2.4.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Farruġia et vs Buħaġiar*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.98**);
[35] Ara App. Ċiv. **13.2.1953** fil-kawża fl-ismijiet ***Manche' vs Montebello*** (Kollez. Vol: **XXXVII.i.56**)
[36] P.A. **7.1.1953** fil-kawża fl-ismijiet ***Camilleri vs Sammut*** (Kollez. Vol: **XXXVII.ii.605**)
[37] Ara App. Ċiv. **8.6.1942** fil-kawża fl-ismijiet ***Cortis vs Bonello*** (Kollez. Vol: **XXXI.i.218**)

il-konsegwenza immedjata tkun li l-imħarrek jinħeles milli jibqa' fil-kawza[38];

Illi ġie stabilit ukoll mill-Qrati li dak li jfisser l-interess tal-attur għandu jkun jidher mill-att taċ-Ċitazzjoni nnifisha[39], u għalkemm il-mottiv tal-interess mhux meħtieġ li jkun imsemmi fiċ-Ċitazzjoni, għandu jirriżulta mill-provi jekk kemm-il darba jiġi kuntrastat[40];

Illi l-interess mhux tabilfors ikun wieħed li jiġi kwantifikat f'somma determinata ta' flus jew ġid, u jista' jkun ukoll meqjus imsejjes jekk jimmira li jħares jew jagħti għarfien għal jedd morali jew suġġettiv[41], imbasta l-jedd invokat ma jkunx wieħed ipotetiku[42];

Illi fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li għadhom kemm saru, fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, ma jidhirx li dan l-interess fl-atturi tassew jeżisti, għaliex id-dikjarazzjoni mitluba minnhom fl-ewwel żewġ talbiet ma tibdel xejn mill-qagħda legali li diġa' kienet teżisti bejnhom u l-imħarrkin bis-saħħa tal-kuntratt tal-akkwist. Dwar dik il-qagħda, l-imħarrkin (mhux biss l-eċċipjenti miżżewġin Axisa) m'għandhom l-ebda kwestjoni mal-istess atturi. Dik il-qagħda legali – imnissla u mfissra fil-klawsola tal-garanzija tal-paċifiku pussess – daħlet fis-seħħ bil-fatt innifsu tar-rabta kuntrattwali u ma kien hemm bżonn tal-ebda kawża biex tikkonfermaha jew biex tagħtiha saħħa aqwa. F'dan ir-rigward, il-Qorti ssib li s-sottomissjonijiet magħmulin mill-imħarrkin Axisa huma b'saħħithom u applikabbli biżżejjed biex taqbel magħhom;

Illi, min-naħa l-oħra, is-sottomissjonijiet tal-atturi dwar din l-eċċezzjoni jidher li ntlaqtu minn malintiż. Fl-ewwel Nota tagħhom ma ressqu l-ebda sottomissjoni biex iwarrbu jew imieru s-sottomissjonijiet tal-imħarrkin Axisa dwar l-interess ġuridiku. Iżda, fit-tieni Nota jidher li fehmu li l-eċċezzjoni kienet mibnija fuq in-**nuqqas ta' interess**

---

[38] App. Ċiv. **17.2.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Sammut et noe vs Attard*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.246**).

[39] Ara App. Ċiv. **3.12.1984** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ vs Caruana*** (Kollez. Vol: **LXVIII.ii.232**) u l-għadd ta' sentenzi hemm imsemmija

[40] Ara App. Ċiv. **12.12.1983** fil-kawża fl-ismijiet ***Ignazio Gatt vs Michael Debono et***

[41] P.A. **13.10.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Axiaq vs Mizzi noe et*** (Kollez. Vol: **XXXVI.ii.532**)

[42] App. Ċiv. **15.12.1932** fil-kawża fl-ismijiet ***Scolaro vs Bailey*** (Kollez. Vol: **XXVII.ii.195**)

**ġuridiku fl-imħarrkin**. Dan mhux il-każ, għaliex l-ewwel eċċezzjoni tal-imħarrkin Axisa tagħmilha ċara li qegħda tirreferi għan-**nuqqas ta' interess ġuridiku fl-atturi.** Aktar 'il quddiem, l-atturi jagħmlu aċċenn għall-aspetti ġuridiċi tal-interess tagħhom li jressqu l-kawża, iżda l-Qorti hija tal-fehma li l-kummenti tagħhom ma jwassluhiex biex issib li l-elementi kollha li għandu jkollu l-interess ġuridiku jinsabu soddisfatti fil-każ tagħhom;

Illi minħabba li l-interess ġuridiku irid itul sa mill-bidu tal-kawża, lanqas ma jista' jingħad – kif donnhom jissottomettu l-atturi – li dak l-interess ġie radikat bis-saħħa tal-kuntratt ta' transazzjoni li sar bejnhom u l-imħarrkin Axisa fil-mori tal-kawża. Ibda biex, dak il-ftehim ta' transazzjoni kellu jseħħ biss meta tiġri l-kundizzjoni speċifika li sallum għadha ma seħħitx. Fit-tieni lok, kieku dik il-kundizzjoni sseħħ, il-partijiet ftehmu li l-kawża (għall-anqas bejnhom u l-imħarrkin Axisa) kellha tieqaf. Fi kliem ieħor, jekk kellha sseħħ il-kundizzjoni, il-mertu tal-azzjoni attriċi kien jiġi eżawrit u b'hekk ukoll jiġi jonqos l-interess fl-atturi li jissoktaw bil-kawża;

Illi għalhekk il-Qorti qegħda tasal għall-fehma li mhux biss ma jeżisti l-ebda kunflitt fil-jeddijiet rispettivi tal-atturi u l-partijiet imħarrkin (u dan mhux biss għar-rigward tal-eċċipjenti Axisa), iżda wkoll joħroġ li jonqsu l-elementi meħtieġa tal-interess attwali, personali u dirett li jsejjes il-jedd tal-azzjoni fl-atturi;

Illi għalhekk, l-ewwel eċċezzjoni tal-miżżewġin Axisa sejra tintlaqa', u dak li ngħad dwar l-eċċipjenti nfushom jgħodd ukoll għall-kumpannija mħarrka l-oħra wkoll. Dan jingħad minħabba li l-interess ġuridiku f'kawża huwa aspett ta' ordni pubbliku li l-Qorti għandha twettaq ukoll minn rajha, fl-aċċertament tagħha dwar l-eżistenza ta' dan l-element ewlieni kostitutiv ta' kull azzjoni li tiswa. Kemm hu hekk, jinsab stabilit li l-Qorti għandha kemm is-setgħa u kif ukoll il-jedd li tqis il-fattur tal-interess ta' parti, wkoll meta ma jkunx hemm eċċezzjoni f'dan is-sens[43];

---

[43] App. Ċiv. **12.12.1983** fil-kawża fl-ismijiet ***Ignazio Gatt vs Michael Debono et*** (mhix pubblikata)

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni** tal-kumpannija mħarrka Angcar Company Limited bħala mhux mistħoqqa fid-dritt, u tiddikjara li l-azzjoni attriċi, kif imressqa, m'hijiex nulla fis-sura tagħha;

**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni** tal-imħarrkin miżżewġin Axisa u tiddikjara li jonqos fl-atturi l-interess ġuridiku biex iressqu l-kawża, u għalhekk, qegħda teħles lill-imħarrkin kollha mill-ħarsien tal-ġudizzju;

Fiċ-ċirkostanzi, kull parti għandha **tħallas l-ispejjeż** tagħha.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------